# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

# MAGISTRAT DR CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paula Ciantar)**

**vs**

**James Grech**

**Kumpilazzjoni Numru:210/2016**

**Illum 31 ta' Ottubru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi fil-konfront ta' James Grech, detentur tal-karta tal-identita` 579482M talli:

1. Billi hu akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Gunju 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta stupru vjolent fuq il-persuna ta' -Omissis- ta' 8 snin;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht l-eta` u cioe` -Omissis- ta' 8 snin;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe` -Omissis-, kontra l-volonta` taghha, u dan sar bhala mezz biex persuna, u cioe` -Omissis-, tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija -Omissis- u l-familja taghha u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-

Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' -Omissis- u l-familja taghha ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi James Grech sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' Novembru, 2017 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jitlob li tinstab htija fil-konfront tal-imputat u cioe';

- Fl-artikoli 198 u 201(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikolu 202(g)[1] tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 203(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 18, 31[2] u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta' Dicembru, 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet kollha involuti fil-kaz;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datata disgha (9) ta' Ottubru 2020 fejn l-imputat odjern kien instab hati

[1]Skont id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali qabel l-emendi IV.2014.4
[2]Skont id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali qabel l-emendi XXIV.2014.7

tal-akkuzi kollha hlief it-tielet (3) akkuza u kkundannatu ghal piena ta' tnax (12)-il sena prigunerija kif ukoll sanzjonijiet ohra;

Rat li din is-sentenza giet appellatat mill-imputat fejn inghatat decizjoni biss fuq l-ewwel aggravju tal-appellant u stante li l-Qorti tal-Appell, b'sentenza taghha datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 2022 ddecidiet illi l-atti ghandhom jergghu jmorru lura ghand il-Qorti tal-Magistrati u dan stante li kellu jsir il-kontroezami tal-allegata vittma -Omissis- u ghal dan il-ghan iddecidiet is-segwenti:

> *"Ghalhekk, sabiex ma tkunx sehhet lezjoni jew possibbli lezjoni tad-drittijiet tal-appellant, il-Qorti qeghda tilqa' dan l-ewwel aggravju tal-appellant u ghal dawn il-motivi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji l-ohra, qeghda tannulla s-sentenza appellata flimkien mad-digriet moghti mill-Ewwel Qorti fit-2 t'Ottubru, 2019 u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex isir il-kontro-ezami mitlub taht il-prekawzjonijiet u mizuri kollha necessarji biex ix-xhud vulnerabbli tkun protetta u sabiex il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta'*

*Gudikatura Kriminali tghaddi biex terga tiddeciedi l-kawza mill-gdid".*

Rat illi fil-frattemp il-Qorti tal-Magistrati kif diversament presjeduta per Magistrat Audrey Demicoli giet elevata ghal Imhallef u ghalhekk tenut kont tal-assenjazzjoni gdida mill-Prim Imhallef ghall-Magistrat sottoskritta ghall-kawzi ta' reati kontra minorenni, din il-Qorti kif presjeduta ghaddiet billi tisma' l-kontroezami tal-allegat vittma -Omissis- taht il-kawteli kollha u dan fis-seduta tas-sittax (16) ta' Marzu 2022 u ghalhekk ser tghaddi biex terga' tiddeciedi din il-kawza mill-gdid;

Illi semghet ukoll it-trattazzjoni mill-gdid tal-partijiet kollha fis-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2022 fejn minn hemm din il-kawza thalliet ghas-sentenza finali;

<u>IKKUNSIDRAT</u>:

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegat stupru vjolenti fuq tifla minuri ossija -Omissis- meta din kellha biss tmien (8) snin, liema stupru allegatament kien sar mix-xufier tal-vann tal-iskola fejn kienet

tattendi l-minuri u cioe' l-iskola -Omissis-. Illi fit-tlieta (3) ta' Frar 2015 l-Ispettur Sylvana Briffa giet infurmata mill-Psikjatra Dr Joe Cassar li -Omissis-, li kienet pazjenta tieghu, xtaqet titkellem mal-Pulizija tar-Reati kontra l-Vizzji dwar allegat stupru li hija sofriet meta din kien ghad kellha tmien (8) snin. Illi fl-2006 kien diga' sar rapport fejn dak iz-zmien il-minuri allegat tokkamenti fuq sidirha mill-imputat, li ossija kien ix-xufier tal-vann li kien iwassalha mill-iskola ghad-dar. Ir-rapport kien gie investigat u gie konkluz li mid-deskrizzjoni moghtija mill-minuri ma kienx hemm bazi sabiex jinbdew proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat. F'Settembru tal-2014 -Omissis- bdiet tattendi ghal terapija ghand il-Psikjatra Dr. Joe Cassar minhabba *pseudo seizures* li rrizulta kienu kkawzati minn cirkostanzi trawmatici li kienet ghaddiet minnhom precedentement. Illi dawn Il-*pseudo seizures* bdew jaqbdu lil -Omissis- meta hija kellha sittax (16)-il sena u dan meta kellha l-ewwel relazzjoni ma' guvni. Illi bhala parti mit-terapija u fuq suggeriment tal-Psikjatra hija ghamlet ir-rapport mal-Ispettur Sylvana Briffa. Sussegwentement infethet Inkjesta Magisterjali fejn giet appuntata c-*Child Psychologist* Dr Carmen Sammut li tkellmet ma' -Omissis- u hejjiet ir-rapport esebit fl-atti tal-inkjesta 88/16 (Dok. CS1 a fol. 50 sa 56 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2016 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, **-Omissis-** xehdet permezz tal-procedura awdjo-viziva, li hija kienet tattendi l-iskola -Omissis- l-Gzira minn meta kellha hames (5) snin sa sittax (16)-il sena. L-imputat kien ix-xufier li fir-raba' sena kien iwassal lilha u lil xi studenti ohra d-dar wara l-iskola. Hija qalet li kienet titwassal il-hames (5) wahda izda gieli twasslet l-ahhar. Ghall-bidu kienet toqghod bilqieghda fis-seat ta' hdejn l-imputat sakemm darba minnhom messilha saqajha u bil-hasda dawwritlu l-isteering waqt li kien qed isuq. Hija qalet illi minn dakinhar bdiet tpoggi fuq wara. Wara dan il-fatt, l-imputat wassal lill-istudenti kollha ghajr ghall-minuri u minflok wassalha d-dar hadha f'ghalqa, mar fuq wara tal-vann fejn kienet il-minuri, kien hemm tokkamenti fuqha u wara wassalha d-dar. Hija tghid illi l-imputat qalilha biex ma tghid xejn lill-genituri taghha ghaliex altrimenti kien iwegga' lil ohtha. Il-minuri tghid ukoll illi l-ghada; wara l-iskola; l-imputat rega' hadha fl-istess ghalqa fil-vann u qalilha tghamillu atti ta' natura sesswali fuq il-persuna tieghu. Illi hemmhekk l-imputat neza' l-hwejjeg kollha, poggielha jdejha fuq il-parti genitali tieghu u wrieha x'kellha taghmel. It-tielet darba kienet wara l-weekend u l-imputat rega' hadha l-ghalqa. Wara dan il-minuri nfaqet tibki u ghalhekk tghid

illi l-imputat gezwira f'xugaman, benninha u hadha d-dar. Ir-raba' darba tghid illi hija regghat bdiet tibki sabiex l-imputat ma jaghmlilha xejn izda huwa beda jirrabja u waddabha n-naha l-ohra tal-vann, tant li hargilha d-demm minn halqha u minn mnehirha. Tghid ukoll illi l-imputat naddfilha d-demm bil-qmis tieghu, qalilha biex tghid lil ommha li weggghat il-playground u hadha d-dar. L-ghada, u cioe' l-hames (5) darba rega' hadha l-ghalqa u sar l-att sesswali. Xehdet li meta l-imputat wassalha d-dar hija marret tinhasel. L-ghada u cioe' s-sitt (6) darba li hadha l-ghalqa, -Omissis- tghid li l-imputat beda jghajjat maghha u qabad jaghtiha fl-istonku b'sieqi u rega' sar l-att sesswali, ghat-tieni (2) darba. L-istess gara l-ghada cioe' s-seba' (7) darba. Fi Frar tal-2006 -Omissis- tghid li tkellmet ma' -Omissis- ghaliex rat lill-imputat James Grech imelles xaghar habiba taghha u cioe' -Omissis- u qaltilha li kien hemm tokkamenti da parti tal-imputat izda ma qaltilhiex b'dak kollu li kien gara ghaliex hasbet li kien ikun bizejjed sabiex l-imputat ma jibqax ix-xufier taghha hekk kif effettivament gara.

Illi mill-kontroezami twil quddiem din il-Qorti kif presjeduta -Omissis-; li kienet ghadha tidher vizibilment trawmatizzata minn

din l-istorja, xehdet dejjem bis-sistema awdjo-viziva u kkonfermat dak kollu li kienet qalet fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti l-ohra.

Illi xehed il-Psikjatra **<u>Dr. Joe Cassar</u>** li wara li gie mehlus mis-sigriet professjonali spjega li -Omissis- kienet marret ghandu fis-sena 2014 wara li kienet marret l-isptar Mater Dei fuq *pseudo seizures* fejn dawn l-accessjonijiet ikunu kkawzati minn problemi psikologici kbar. Huwa jghid is-segwenti:

> *"Normalment pseudo seizures ikunu f'cirkostanzi serji, mhux bilfors ta' abbuz imma jistghu jkunu f'cirkostanzi ta' trawma. U allura ovvjament irridu nifhmu ukoll il-conversion disorder hija xi haga maghmula mis-sub konxju jigifieri l-persuna ma tkunx taf li qed issir. . . . Hija xi haga li l-mohh jipproduci minghajr il-persuna ma tkun taf. U allura huwa mod kif xi hadd jghid kemm inhossni anzjuz jahdem b'mod fiziku. Pero' barra minn hekk dawn il-problemi ta' conversion disorder ikunu relatati ukoll ma' disordni mal-personalita jigifieri dik li ahna nghidulha personality disorder. . . . il-persuna ndikata jien ilni nafha issa mill-2014, ilni nafha mill-2014 u ovvjament wara*

*certu zmien bdejt ninduna illi kellha sintomi ta' li ahna nghidulha emotionally unstable personality disorder jew kif inhi maghrufa mal-hafna nies bhala borderline personality disorder. Din hija disordni fil-personalita' li hafna drabi ukoll hija relatata ma' problemi ta' trawma illi fiha l-persuna l-hajja taraha biss jew abjad jew iswed. Tara biss l-estremitajiet jew thobbni jew tobghodni, jew tajjeb jew hazin. ...*

*Li kien interessanti f'dan il-kaz kien illi dawn is-pseudo seizures kienu bdew meta kellha 16-il sena fl-ewwel relazzjoni li kellha ma' boyfriend. U meta gew biex ikunu intimi gara dan li gara, bdewlha s-pseudo seizures."*

Il-Psikjatra jghid ukoll illi meta bdiet titkellem fuq dak li kien gara, -Omissis- bdiet izzid b'dawn l-accessjonijiet u kien hemm mumenti fejn weggghet lilha nnifisha. Huwa jghid illi s-sintomi taghha kienu ghadhom gravi izda jkun hemm mumenti fejn jigu kkontrollati.

Illi mir-rapport tal-espert nominata fl-atti tal-Inkjesta esebita fl-atti u li wara regghet giet ikkonfermata bil-gurament permezz ta' xhieda viva voce, il-Psikologa **Carmen Sammut** tghid illi hareg mill-profil psikologiku ta' -Omissis- *"li gie rifless kien li hi persuna introverta hafna (102), jigifieri li thobb izzomm dak li tkun ghaddejja minnu, kif ukoll dak li tkun qed thoss, fiha nnifisha, b'tendenzi ohra bhal 'inhibited' (92), li tfisser li hemm tendenza li toqghod lura, kif ukoll certa sens ta' biza; 'doleful' (88), jigifieri li hemm tendenzi dipressivi anki fil-personalita li qed tizviluppa billi tkun kemmxejn negattiva fil-hsieb; u 'self-demeaning' (85), li tirrifletti tendenza li tkun negattiva maghha nnifisha. Fuq l-iskali 'Expressed Concerns', jidher li l-aktar affarijiet li tinkwieta u tahseb fuqhom huma l-abbuz li garbet fi tfulita (Childhood Abuse=H=87), kif ukoll il-fatt li ghadha qed tfittex l-identita taghha u hi min hi (Identity Diffusion=A=87)."*

Illi **-Omissis-**, u cioe' omm -Omissis- xehdet u kkonfermat punti saljenti li kienet xehdet fuqhom l-istess -Omissis- wahda minnhom kienet li hija kienet affaccjat lill-imputat sabiex ma jaghtix aktar helu lil bintha. Ikkonfermat ukoll il-fatt li darba minnhom -Omissis- kienet marret lura d-dar wara l-iskola

b'xoffitha maqsuma u l-minuri kienet qaltilha li accidentalment kienet qalghet daqqa ta' minkeb minghand tifla ohra. Xehdet li darba minnhom bintha kienet damet ma marret id-dar wara l-iskola u dakinhar l-imputat ma kienx wassalha sa quddiem il-bieb tad-dar u l-minuri qaltilha li l-imputat kien wassalha l-ahhar wahda. Meta dahlet id-dar il-minuri marret tinhasel u ma riditx tiekol. Dik il-gimgha kienet cemplitilha -Omissis- li qaltilha li ma kinetx ser thalli l-minuri titla' mat-trasport tal-iskola in vista tal-allegazzjonijiet li saru minn -Omissis-. Dakinhar l-imputat habbat id-dar tax-xhud jistaqsiha ghaliex ma hallietx lill-minuri tirkeb fil-van u wara li kien gie kkonfrontat cahad l-allegazzjonijiet li kienu sarulu. Ix-xhud tkompli illi madwar sentejn qabel ix-xhieda, hija sabet id-djarju tal-minuri li kien jiddeskrivi l-allegazzjonijiet gurnata b'gurnata sas-seba' gurnata. Id-djarju kien inharaq mill-minuri wara suggeriment mill-Psikjatra taghha.

Illi xehed ukoll missier -Omissis- <u>**-Omissis-**</u> fejn qal li minn meta sar ir-rapport fl-2006 bintu kienet titwerer meta tara vann bhal tal-imputat fit-triq. Huwa kkonferma li d-djarju ta' -Omissis- kienet sabitu l-mara tieghu, u li huwa kien qrah maghha u li fih

kien hemm rakkont dettaljat ta' dak li ghaddiet minnu bintu -Omissis-.

Illi l-Ispettur Raymond Aquilina xehed li huwa kien investiga r-rapport li sar fit-tnejn (2) ta' Gunju 2006 u l-ghada kienet ittiehdet stqarrija lill-imputat. Inkontroezami xehed illi ma kinux inizjati proceduri fil-konfront tal-imputat abbazi tar-rapport tal-2006 ghaliex il-fatti ma kinux jassiguraw htija. Dak iz-zmien ma sarux ezamijiet medici fuq il-minuri ghaliex ir-rapport kien jirrigwarda biss tokkamenti.

**-Omissis-** li kienet il-kap tal-iskola -Omissis- fejn kienet tiffrekwenta -Omissis- xehdet illi -Omissis- baqghet tigi segwita mill-councellor tal-istess skola anke wara li din spiccat fuq materja sensittiva hafna izda hija qatt ma ndahlet biex tkun taf x'inhi. Hija tghid illi per se hija qatt ma kellha xi lmenti fuq xi xufiera tal-iskola.

Illi l-Psikologa **Sue Anne Beiruty** kkonfermat illi l-minuri -Omissis- kienet irrakkontatilha kollox f'sessjonijiet terapewtici li kellha maghha.

Illi Remenda Grech, rapprezentanta tal-Agenzija Appogg ikkonfermat li s-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal kienu gew mgharrfa b'rapport fit-2 ta' Gunju 2006 fuq xi tokkamenti fuq il-minuri u ghal dan il-ghan esebiet dokument li juri dan (Dok. RBG1).

Illi -Omissis- li kienet habiba ta' -Omissis- u li kienet tkun fuq il-van maghha kkonfermat illi l-imputat kien ikollu hafna kunfidenzi zejda mat-tfal tant illi kien jaqbdilha saqajha meta kienet tkun warajh tant li kienet tbiddel il-post kif ukoll okkazzjoni ohra li kienet semmiet -Omissis- li din kienet qabdet l-isteering tal-istess vann.

Il-Psikologa Charmaine Dalli xehdet li -Omissis- giet riferuta lilha fl-2014. Ikkonfermat li waqt is-sessjonijiet mizmuma max-xhud il-minuri kienet qrat siltiet mid-djarju taghha ta' dak li kienet ghaddiet minnu.

Illi finalment l-imputat James Grech xehed fejn qal li r-rotta li kien jiehu kienet tibda mill-iskola -Omissis-, imbaghad ghal Birguma, Naxxar, Bahar ic-Caghaq u jispicca l-Mosta. Il-vjagg kien jibda ghas-1.15pm u jispicca xi s-2.00pm. Lil -Omissis- kien iwaqqafha

quddiem id-dar taghha u maghha kienu jinzlu xi tfal ohra izda kien jibqa' aktar tfal fil-vann. L-imputat sostna li -Omissis- qatt ma twasslet l-ahhar wahda u qal li meta sar ir-rapport fl-2006 l-imputat affronta lil omm il-minuri. Xehed li l-minuri kienet tkun trid toqghod tbiddel is-seat u peress li dak iz-zmien il-vann ma kellux seatbelt u kien ikun irid li t-tfal ikunu bilqieghda u ghalhekk kien jikkoregiha. Gieli kien itaptap fuq spallejn il-minuri biex toqghod bilqieghda. Inkontroezami xehed li l-minuri ma kinetx tinzel l-ahhar izda lejn l-ahhar u jekk kienet tinzel l-ahhar qatt ma nizlet wahedha. Huwa qal li omm il-minuri ma kinitx kellmet lill-imputat minhabba l-helu izda kienet qaltlu biex il-minuri tibda toqghod fis-seat ta' quddiem hdejn ix-xufier u huwa kien irrifjuta ghaliex dak is-seat kien minghajr seatbelt. Fir-rigward ta' -Omissis-, cahad li qatt hadilha z-zarbun u li kien imissilha saqajha ghaliex kienet tghollihom mas-seat. Huwa qal li -Omissis- kienet gibdet l-isteering tal-vann ghaliex riedet iddur wiccha fuq wara sabiex tkellem lil shabha.

Illi <u>-Omissis- u -Omissis-</u> xehdu li qatt ma raw xejn hazin mill-imputat. Ikkonfermaw li wara li kienu jinzlu huma kien ikun ghad fadal tfal ohra fil-vann fosthom -Omissis-.

**IKKUNSIDRAT**:

Illi qabel ma jigi kkunsidrat il-mertu din, il-Qorti tinnota illi fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tqajjmet il-kwistjoni mid-difiza tal-preskrizzjoni li fuqha dik il-Qorti kienet iddecidiet li ma kinitx tirrizulta. Din il-Qorti tinnota wkoll illi d-difiza ma regghetx qajmet din l-eccezzjoni fir-rikors tal-appell taghha u l-anqas ma regghet semmietha fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti kif presjeduta u ghalhekk tqis li din il-kwistjoni hija sorvolata.

Din il-Qorti qed taghmel referenza wkoll ghal-istqarrijiet tal-imputat datati 3 ta' Gunju 2006 (fol 168) u dik tas-7 ta' Marzu 2016 u tissottometti illi fl-ewwel stqarrija ma kinux jezistu l-kawteli necessarji ghall-istqarrijiet u cioe' d-dritt ghal konsultazzjoni ma' avukat ta' fiducja mentri fit-tieni (2) wahda ghalkemm l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat li ma kienx ha, ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni.

Illi wkoll ghalkemm forsi konvenjentement l-avukati difensuri ma talbux l-isfilz ta' dawn l-istqarrijiet, din il-Qorti qed taghmilha cara illi ghalkemm ma hijiex qieghda formalment tisfilzahom, tiddikjara illi dawn ma kinux determinanti ghall-gudizzju finali taghha.

__IKKUNSIDRAT__:

Illi fl-2006 l-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jghid is-segwenti:-

> *"Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha."*

Illi mbaghad bl-aggravju indikat fl-Artikolu 202(g) li fis-sena 2006 kien jindika li l-piena ghar-reat ta' stupru tizdied bi grad meta l-persuna li fuqha jkun sar l-istupru ma tkunx ghalqet id-disa' snin.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li -Omissis- ghalqet disa' snin fis-—Omissis- u dan johrog mic-certifikat tat-twelid taghha li jinsab inserit a fol. 149 li juri li hija twieldet fis-—Omissis-.

Illi mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-fatti li jiffurmaw il-mertu tal-kaz odjern sehhew fis-sena skolastika tal-2006 u cioe' meta -Omissis- kellha tmien snin. Inoltre' mix-xhieda ta' Remenda Grech, jirrizulta li r-rapport sar minn -Omissis- fit-2 ta' Gunju 2006. Dan ifisser li s-seba' episodji rakkuntati mill-minuri sehhew qabel din id-data u ghalhekk qabel ma hija ghalqet id-disa' snin. Dan ifisser li l-piena ta' bejn tlieta u disa' snin prigunerija kontemplata fl-Artikolu 198 tal-kodici Kriiminali kif kien jipprovdi fl-2006 ghandha tizdied bi grad a tenur tal-Artikolu 202(g) u ghalhekk titla' sa massimu ta' tnax-il sena.

<u>IKKUNSIDRAT:</u>

Illi fuq il-mertu din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti fejn min-naha l-wahda -Omissis- tirrakkonta b'mod dettaljat is-seba' (7) episodji ta' stupru u abbuz sesswali li sehhew u li saru mill-imputat li kien ix-xufier tal-vann

li kien jehodha lura d-dar wara l-iskola u min-naha l-ohra l-imputat li minn dejjem innega kategorikament li qatt sehhew tali atti da parti tieghu fuq il-minuri.

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reita' tal-imputat trid tigi pruvata mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat minn raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:-

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn il-provi probatorji jkunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' l-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u liehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u lattendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din*

*il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina ddettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din ilvertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn -Omissis- ghandha mis-sewwa u m'ghandhiex l-icken dubju dwar il-kredibilta' taghha u dan qed jinghad mhux ghax taghzel arbitrarjament li temmen lilha minflok lill-imputat jew ghax l-istorja taghha hija wahda sfortunata. Din il-Qorti temmen il-verzjoni tal-vittma anke a bazi ta' dak li xehdu l-professjonisti fuqha.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' tifli u tara x-xhieda tal-vittma -Omissis- bil-procedura tal-video conferencing u setghat tosserva l-komportament taghha kif ukoll id-dettall fir-rakkont taghha u l-mod kif meta hija bdiet tirrakkonta dwar dak li kien gralha snin qabel.

Il-Qorti tirrileva li aspetti mix-xhieda taghha huma kkorroborati mix-xhieda li taw ommha u missierha dwar certu fatti kif ukoll mix-xhieda ta' tifla ohra li kienet maghha fil-vann, u cioe' -Omissis-.

F'dan il-kuntest u fl-ambitu tal-kredibilita' ta' testimonjanzi ta' minuri f'kazijiet ta' abbuzi qed jigi kkwotat artikolu mill-pjattaforma onlajn **HEINONLINE** ppublikat fit-18 ta' Gunju 2022 li fih jigi kkwotat estensivament publikazzjonijiet ta' Albany Law Review tal-1993 fejn anke jekk fil-kaz odjern meta tat it-testimonjanza -Omissis- din kienet kibret pero' xorta pertinenti ghall-ezami tal-verzjoni tal-fatti minnha maghmula tul iz-zmien li dejjem baqghu konsistenti. F'dan l-artikolu ntqal is-segwenti:

*"In the context of sexual abuse cases, evidence shows that while children are capable of experiencing sexual fantasies, those fantasies usually have some basis in an actual experience. If a child describes a sexual experience in detail, it is unlikely the child has created a fantasy: "When a 5-year-old provides a clear-cut verbal description, dramatic enactment, or pictorial representation of an erect, discharging penis, or of vaginal or anal penetration, it is unlikely that such a memory has been spontaneously invented. Children are generally not capable of simulating such an event unless they have experienced it.*

*Nurcombe illustrates this concept with the account of a young boy: Demonstrating what his mother had done to him, a 7-year old boy of borderline intelligence placed the head of a female doll over the genitals of an anatomically explicit male doll, giggled conspiratorially, and made eager rhythmic movements and sounds. After placing a pencil in such a way that it protruded horizontally from the crotch of a male doll, he rammed the pencil point-first into the*

*hindparts of a female doll, representing, thus, what he alleged he saw his father to do [sic] a female cousin.*

*According to Nurcombe's theory, a child of this age is unlikely to have created this "fantasy" because the description was simply too dramatic and detailed to be within the scope of a seven year old's imagination."*

Illi l-Qorti diga' ghamlitha cara li tqis li x-xhieda moghtija minn -Omissis- hija attendibbli u ghandha tigi emmnuta. Illi huwa minnu illi l-imputat James Grech minn dejjem innega dak li kienet qed tallega kontrih -Omissis- izda dan mhux bizzejjed sabiex jigi kkreat dubju ragjonevoli favur l-innocenza tieghu. Illi -Omissis-, kif diga' nghad aktar 'il fuq, minn dejjem kienet konsistenti fil-verzjoni taghha, verzjoni li hija mimlija dettalji li hu inverosimili li gew ivvintati. Id-difiza ma gabet l-ebda prova sabiex ixxejjen din il-verzjoni. Ix-xhieda prodotti mid-difiza ma ghamlu xejn minn dan. Illi ugwalment ma giex imwaqqa' dak li hareg mix-xhieda tal-Psikjatra Joseph Cassar kif ukoll mill-espert Carmen Sammut a rigward l-origini tat-trawma ta' -Omissis- u kwindi ma giex

ippruvat bl-ebda mod li -Omissis- kellha xi trawma ohra apparti dik mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi huwa accettabbli, specjalment fi trawmi kbar, illi persuna forsi tizbalja dettalji zghar jew addirittura ma tiftakarhomx pero' dawn id-dettalji ma jkunux ta' tali importanza li jwaqqghu l-verzjoni tal-persuna li tkun ghamlithom.

Illi d-difiza targumenta illi l-verzjoni ta' -Omissis- tant hi kkulurita illi hija vvintata. Illi kif intqal mill-Psikjatra Dr. Joe Cassar u mill-Psikologa Carmen Sammut, -Omissis- zzomm hafna go fiha u ghalhekk setghet tiftakar id-dettalji kollha anke sal-mument tal-kontroezami quddiem din il-Qorti. Illi appuntu tant zammet id-dettalji kollha go fiha illi hija ma rnexxilhiex tissupera din it-trawma sal-gurnata tal-lum. Il-fatt li -Omissis- ma kinitx qalet il-verita' kollha fl-ewwel rapport lid-dirigenti tal-iskola taghha ma jirrendix din ix-xhud anqas kredibbli ghax din il-Qorti tapprezza l-karattru u l-eta' tal-persuna li riedet tehles mill-problema mill-anqas problemi possibbli.

Illi f'dan il-kuntest irid jinghad illi din il-Qorti ghandha r-riservi taghha ghall-ewwel investigazzjoni mill-pulizija u thoss illi dawn saru b'mod superficjali ghall-ahhar u fejn ried ikun hemm aktar approfondimenti minn persuni adattati sabiex jintervistaw minuri u mhux il-kwistjoni tinghalaq malajr. Dan certament irrenda aktar difficli li -Omissis- terga' tiftah qalbha malajr u ghalhekk it-trapass taz-zmien.

Illi di piu' ma ngabet l-ebda raguni plawzibbli li setghat tindika ghaliex il-minuri kellha tivvinta tali akkuzi fil-konfront tal-imputat partikolarment meta kienu ghaddew snin twal u ma kien ghad fadal l-ebda kuntatt bejnha u l-imputat u li b'xi mod setghat ixejjen il-verzjoni tal-fatti minnha moghtija.

Illi finalment qed tigi kkwotata f'dan l-istadju sentenza tal-**Corte di Cassazione Taljana** (SEZ. III PENALE - 07 settembre 2022 N. 32865) li ssib applikazzjoni perfetta ghal kaz de quo u fejn id-decizjoni tal-ewwel Qorti li kkundannat lill-imputat fuq stupru u korruzzjoni ta' minorenni giet ikkonfermata u fejn din tghid is-segwenti:

*"4.2. La sentenza impugnata espone gli elementi e le ragioni fondanti il suo giudizio di attendibilità del racconto della persona offesa, sulla cui base ha ritenuto provati i fatti indicati nell'imputazione.*

*Appare utile premettere che, come analiticamente precisato nella sentenza di primo grado, secondo il racconto della persona offesa, l'imputato ha agito ripetutamente nel tempo, e, segnatamente, ha: -) toccato i genitali della minore penetrandone la vagina con le dita; -) compiuto atti di masturbazione davanti alla stessa; -) costretto la vittima a masturbarlo; -) costretto la minore a praticare sesso orale; -) posto, in almeno due occasioni, il proprio pene a contatto con la vagina della persona offesa, simulando una penetrazione.*

*La Corte d'appello, in particolare, evidenzia che la persona offesa: -) ha iniziato a raccontare delle violenze subite ai suoi compagni di classe e poi ad una insegnante, la quale aveva informato i vertici dell'istituto, a loro volta autori della denuncia ai Carabinieri; -) è stata esaminata anche*

*nel corso delle indagini sugli episodi in esame dai Carabinieri con l'ausilio di una psicologa, e, ciononostante, non gli è stata effettuata alcuna contestazione; -) ha sempre manifestato grande difficoltà emotiva a rievocare e narrare delle violenze subite; -) ha manifestato più volte intenti autolesivi, ritenuti "di natura inequivocabilmente post-traumatica".*

*Rappresenta, poi, che le imprecisioni della persona offesa in ordine alla collocazione temporale dei fatti ed alla loro frequenza sono del tutto marginali, perchè non attengono alla ricostruzione del loro contenuto, e possono trovare spiegazione nell'età della minore, nel tempo trascorso e nella valenza traumatica degli episodi.*

*Osserva, quindi, che il racconto della vittima relativo ai movimenti compiuti dall'imputato nel toccarle i genitali e nel penetrarla non può essere frutto della sua fantasia, anche perchè non è coerente con le competenze della sua età e denota esperienza diretta, e non è incompatibile con*

*le problematiche sessuali dell'uomo, siccome queste non gli impediscono una breve erezione.*

*Aggiunge, ancora, che le dichiarazioni accusatorie della persona offesa non possono ritenersi determinate, o, meglio, "sovraccaricate", da sentimenti di odio nei confronti dell'imputato, sia perchè questa ipotesi non ha trovato alcun riscontro, sia perchè la descrizione delle esperienze sessuali risulta altamente precisa e realistica, anche in considerazione dell'età della ragazza, sia perchè anche l'assistente sociale O. ha riferito come la minore non ha mai riferito la sua avversione nei confronti dell'uomo a cause diverse dalle violenze subite.*

*Rappresenta, infine, che: -) la mancanza di riscontri sul cellulare dell'imputato è spiegabile con la circostanza per cui questi potrebbe ben aver "ripulito" la memoria dell'apparecchio, anche perchè informato dell'andamento delle indagini prima di essere arrestato, tanto da essersi presentato spontaneamente dai Carabinieri prima della emissione della misura cautelare; -) la mancanza di*

*annotazioni sul diario della vittima può trovare ragione nel desiderio di evitare di mettere a conoscenza dei fatti la madre.. . .*

*4.3. Le conclusioni della sentenza impugnata in ordine all'attendibilità delle dichiarazioni della persona offesa, ed alla loro idoneità a fondare il giudizio di responsabilità dell'attuale ricorrente per i fatti al medesimo contestati sono immuni da vizi.*

*Il giudizio di positiva attendibilità delle dichiarazioni della minore, infatti, è stato espresso all'esito di un'analitica disamina delle stesse e di tutti gli elementi acquisiti al processo, sulla base di massime di esperienza sicuramente accettabili. Del resto, non sono emerse incompatibilità del racconto con elementi oggettivi, e l'imputato ha ammesso, sia pur solo parzialmente, di aver compiuto in più occasioni atti sessuali con la vittima, all'epoca sicuramente in tenera età e comunque infraquattordicenne.*

*5. Infondate sono le censure proposte nell'ottavo motivo, che contestano il diniego dell'attenuante della minore*

*gravità del fatto, deducendo l'impropria valorizzazione della pluralità degli episodi, da ritenere non più di quattro. Secondo la giurisprudenza, ai fini della configurabilità della circostanza attenuante del fatto di minore gravità, prevista dall'art. 609-bis, comma 3, c.p., deve farsi riferimento ad una valutazione globale del fatto, nella quale assumono rilievo i mezzi, le modalità esecutive, il grado di coartazione esercitato sulla vittima, le condizioni fisiche e mentali di questa, le caratteristiche psicologiche valutate in relazione all'età, in modo da accertare che la libertà sessuale non sia stata compressa in maniera grave e che non sia stato arrecato alla vittima un danno grave, anche in termini psichici (cfr., per tutte, Sez. 3, n. 50336 del 10/10/2019, L., Rv. 277615-01).*

*La sentenza impugnata ha escluso l'attenuante del fatto di minore gravità valorizzando, in particolare, la reiterazione degli abusi nel tempo.*

*La conclusione indicata è corretta, sia perchè gli episodi sono molteplici, sia perchè dai fatti come ricostruiti in*

*sentenza emergono molteplici connotazioni negative degli stessi, in particolare per l'invasività e per le conseguenze psichiche prodotte e che hanno spinto la vittima a compiere in più occasioni atti autolesivi."*

**IKKUNSIDRAT**:

Illi fir-rigward l-elementi tar-reat ta' stupru, fis-sentenza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed** intqal is-segwenti:

*"Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta 'stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat: "The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts" (vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194). Ir-reat ta' stupru jissussisti : "upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient" (Ibid). Kif gie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. Ommissis, deciza fl-4 ta 'Settembru 2003: "Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux*

*mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti reat".*

Illi mix-xhieda ta' -Omissis- jirrizulta li l-kongungiment karnali sehh f'zewg okkazzjonijiet. Dan il-kongungiment karnali jrid necessarjament isir minghajr il-kunsens tal-vittma. Illi l-artikolu 201(a) johloq prezunzjoni legali fis-sens illi dan l-istupru jitqies minghajr kunsens meta jsir fuq persuna ta' taht l-eta' ta' tnax-il sena bhalma hu l-kaz odjern u kif diga' nghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Ghalhekk tirrizulta kemm l-aggravanti msemmija fl-Artikolu 201(a) kif ukoll dik imsemmija fl-Artikolu 202(g) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-atti kommessi mill-imputat fuq il-minuri zgur li jistghu jitqiesu bhala atti libidinuzi li kkorrompew lill-istess minuri li dak iz-zmien kien ghad kellha biss tmien (8) snin. Anke f'dan il-kaz jirrizultaw ic-cirkostanzi aggravanti msemmija fl-Artikoli 203(1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali u l-imputat ser jinstab hati anki tat-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

A rigward it-tieni (2) akkuza addebitata lill-imputat, fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**</u> deciza fit-8 ta' Jannar 1996 intqal is-segwenti fuq ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni:

> *"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion,*

*of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed."*

Illi **Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu **Notes on Criminal Law** (pg 226) jippuntwalizza li:

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime."*

Illi fil-kaz odjern huwa car u ovvju li l-minuri -Omissis- kellha eta' tenera dak iz-zmien meta graw l-avvenimenti liema avvenimenti skossjawha b'mod gravi u permanenti hekk kif xehed l-istess psikjatra kuranti taghha. Illi ghalhekk f'dan il-kaz l-effetti tal-korruzzjoni kienu immedjati, duraturi u gravissimi u ghalhekk tali akkuza qed tigi ppruvata b'mod sodisfacjenti.

Illi a rigward it-tielet (3) akkuza l-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et** deciza fid-19 ta' Ottubru 2006 u cioe':

*"Dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent… jew dik ta'… korruzzjoni ta' minorenni u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. Imma ancorche' kellu jirrizulta li… f'xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mal-minuri, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti,*

*kif kienu jispiccaw latti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom."*

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Debono** (QA Krim – dec 12/02/2009 intqal hekk:

*"L-istess, ghalkemm huwa fatt pruvat l-immobilizzar tal-minuri billi l-appellant zammilha idejha wara darha w ma hallihiex ticcaqlaq, u dan kien normalment jaghti lok ghar-reat ta' sekwestru tal-persuna, f' dan il-kaz pero' dan l-agir konsistenti fl-impozizzjoni ta' persuntu fuq il-persuna tal-minuri, fih innifsu kien jikkostitwixxi element tal-istess stupru vjolent u anki hawn jezisti l-konkors formali jew ideali ta' bejn ir-reat tal-istupru vjolent u dak ta' sekwestru tal-persuna."*

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti ma jidrilhiex li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex jitqies li jissussisti tali reat.

Finalment u ai fini ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jigi addebitat kif ukoll l-effett trawmatiku

kbir li l-agir tieghu halla fuq il-vittma fejn hija baqghet issofri minn problemi psikologici bhala konsegwenza ta' tali agir u fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva gholja minghajr attenwanti. Irid jigi precizat illi kif anke kien imnizzel fin-nota tal-Avukat Generali fejn ikkwota l-Artikoli tal-Ligi, din il-Qorti qed tapplika l-pieni ghar-reati li taghhom instab hati l-imputat li kienu in vigore fis-sena 2006 meta sehhew tali reati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 198, 201(a), 202(g), 203(1)(a)(b), 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat **James Grech** hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi migjuba kontrih u tikkundannah hdax (11)-il sena prigunerija effettivi filwaqt li ma ssibux hati tat-tielet (3) akkuza u konsegwentment tilliberah minnha.

Illi di piu' u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin ghal perjodu ta' tliet (3) snin dekorribbli mil-lum a favur tal-vittma -Omissis- u liema ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Illi inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi kkundannat ghall-hlas tal-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem ta' -Omissis- u l-familjari taghha kif ukoll tal-minuri l-ohra li xehdu f'dawn il-proceduri fi kwalsiasi mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru indikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit BA, LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**